**NOMINA TA' DOTT EDWARD WOODS GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON TAL-AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-EDUKAZZJONI AVVANZATA U GĦOLJA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. Tista' telabora ftit fuq il-karriera matul is-snin? Kif taħseb li l-esperjenza tiegħek, b'mod partikolari dik fuq livell internazzjonali, se tgħin sabiex titjieb it-tmexxija u l-governanza tal-MFHEA?

2. Kif tara li evolviet l-Awtorità matul is-snin li għaddew? X'taħseb li huma l-isfidi li taħseb li għandha l-Awtorità għas-snin li ġejjin?

3. Kemm huwa importanti li f'pajjiż żgħir bħal Malta ma jkollniex duplikazzjoni ta' servizzi offruti fl-istituzzjonijiet edukattivi għolja ta' pajjiżna?

4. Tara oqsma fl-edukazzjoni avvanzata li jistgħu jkunu ta' benefiċċju ambjentali, ekonomiku u soċjali għal pajjiżna?

5. Kemm huwa Importanti għal pajjiżna li nkomplu niżviluppaw in-niċeċ ekonomiċi tal-avjazzjoni u dak marittimu? X'taħseb li jista' jsir iktar biex inkomplu niżviluppaw dawn in-niċeċ?

6. Tara li hemm xi materja jew għandek xi kunflitt ta' interess li jista' jtellfek mill-imparzjalità tiegħek fit-tmexxija tal-Board?

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Chairperson tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja?

2. Tista' tispjega ċ-ċirkostanzi li wasslu għan-nomina tiegħek bħala Chairperson tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja?

3. X'esperjenza u/jew għarfien għandek fis-settur tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla?

4. Kif tiddeskrivi l-qagħda tal-edukazzjoni avvanzata u għolja f'pajjiżna?

5. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja għal matul iż-żmien tal-ħatra tiegħek bħala Chairperson?

6. Xi sfidi tara li għandha quddiemha l-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja?

7. X'taħseb li kienu n-nuqqasijiet tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja matul l-aħħar ħames snin?

8. X'taħseb li kienu l-kisbiet tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja matul l-aħħar ħames snin?

9. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta' interess f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja?

10. Tista' tindika x'karigi oħra beħsiebek iżżomm f'każ li tkun maħtur bħala Chairperson tal-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja?